MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2013

Appell Kriminali Numru. 311/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Stephen Micallef)**
**Vs**
**Nazzareno Zammit**

**Illum 14 ta' Frar, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 418268 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-6 ta' Mejju, 2009 fi Vjal 21 ta' Settembru, Naxxar, ghall-habta ta' 15.20 hrs, u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, gieghel, halla jew ippermetta lil John Tanti isuq vettura b'numru IMY 340, minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-1 ta' Lulju, 2010, li biha, wara li rat l-artikoli 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' malta, sabet

lill-appellant hati ta'  l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta' elfejn tlett mija u tlettin Euro (€2330) u skwalifikatu minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-9 ta' Lulju, 2010 li bih talab li din il-Qorti joghgobha
1. tirrexxindi s-sospensjoni tal-licenzja ordnata fil-konfront tieghu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta);
2. tehilsu mill-hlas tal-multa imposta mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), jew inkella tirriformaha ghal wahda aktar ragjonevoli in vista tac-cirkostanzi tal-kaz.

Dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti tal-Appell tarahom xierqa u necessarji.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-penali in kwistjoni kien eccessiv fir-rigward tac-cirkostanzi tal-kaz, kif ukoll illi dan ser jaffettwalu l-ghixien tieghu u tal-familja tieghu.

Illi r-rikorrent kien, fil-kaz in kwistjoni, baghat il-karti sabiex jigi inxurjat sewwieq tieghu lis-socjeta` assikuratrici illi jahdem biha permezz tal-posta, u li l-ghada, peress ili huwa assuma illi l-karti kienu waslu ghand is-socjeta` assikuratrici, illi dejjem ipprocessathom mal-ewwel f'kazijiet simili, huwa halla lis-sewwieq tieghu johrog fit-triq.

Illi pero`, fil-kaz in kwistjoni, il-karti ma waslux ghand is-socjeta` assikuratrici, u minhabba f'hekk is-sewwieq kien ghadu skopert minn polza tal-assikurazzjoni meta dan hareg fit-triq.

Illi s-sewwieq in kwistjoni kellu incident stradali filwaqt li kien ghadu mhux kopert b'polza tal-assikurazzjoni, u

minhabba f'hekk gie allacidat il-fatt illi huwa kien skopert, u inbdew proceduri kriminali kontra s-sid tieghu, u cioe` r-rikorrent f'dan ir-rigward.

Illi pero`, s-sitwazzjoni illi ssuccediet kienet wahda sfortunata illi ssuccediet minhabba c-cirkostanzi kollha, u barra minn hekk, kif ir-rikorrent sar jaf bl-incident u sussegwentement illi s-sewwieq tieghu kien ghadu mhux kopert, mar immedjatament jirregistrah mas-socjeta` assikuratrici personalment.

Illi r-rikorrent jifhem ir-ragunament tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) illi l-metodu li huwa kien uza sabiex irregistra lis-sewwieq tieghu kien negligenti, u li ghal dan hemm konsegwenzi, imma wiehed ghandu jara wkoll illi dan kien kaz genwin, u kaz ta darba, u li minn dak iz-zmien ir-rikorrent qieghed imur personalment ghand is-socjeta` assikuratrici jirregistra s-sewwieq tieghu.

Illi, kif xehdet rapprezentanta tas-socjeta` assikuratrici fil-mori tal-proceduri kontra r-rikorrent, ir-rikorrent ghandu flotta imdaqqsa ta' vettura mas-socjeta` assikuratrici, u dan ghal numru ta' snin u tul dawn is-snin kollha qatt ma kien hemm problemi ta' natura simili.

Illi r-rikorrent jaqla` l-ghixien tieghu bhala sid ta' kumpanija tat-trasport u minn dak li jaqla` jrid jghajjex lil martu, lil zewgt itfal, inkluz wiehed bi bzonnijiet specjali, kif ukoll lil ommu li llum il-gurnata hija mara anzjana u li minhabba f'hekk sospensjoni tal-licenzja tieghu ghal sena, minhabba s-sitwazzjoni familjari tieghu, kif ukoll meta wiehed ihares lejn ir-rekord nadif illi kellu r-rikorrent fil-passat, tkun ta' dannu kbir ghar-rikorrent, dannu possibilment irreparabbli minhabba li tista` twassal sabiex in-negozju tieghu jisfaxxa minhabba illi huwa jmexxi l-kumpanija tieghu wahdu.

Illi l-ammont ta' multa in kwistjoni huwa esagerat meta wiehed ihares lejn in-natura tal-incident, u r-rekord nadif fil-passat tar-rikorrent, kif ukoll il-fatt illi r-rikorrent ghandu fedina penali netta.

Illi minhabba f'hekk, din l-Onorabbli Qorti tal-Appelli Kriminali ghandha tirrexxindi s-sospensjoni tal-licenzja fir-rigward tar-rikorrent, kif ukoll tehilsu mill-hlas tal-multa imposta, jew inkella tirriformaha ghal wahda aktar ragjonevoli in vista tac-cirkostanzi tal-kaz.

Ikkunsidrat.

Bil-verbal tat-22 ta' Novembru, 2012 l-Avukat Generali ecepixxa n-nullita tar-rikors peress illi t-talba ma hijiex skont il-Ligi, mhux car x'qed jintalab bhal ma lanqas hemm indikat x'ghandu jsir minn dikjarazzjoni ta' htija illi ghamlet l-ewwel Qorti. Din l-eccezzjoni giet trattata u thalliet ghas-Sentenza.

Ikkunsidrat.

L-Avukat Generali bbaza l-eccezzjoni tieghu fuq d-dicitura ta' l-Artiklu 419 (1) tal-Kodici Kriminali li jghid: "Ir-rikors barra mill-indikazjonijiet komuni ghall-atti Gudizzjarji ghandu jkun fih taht piena ta' nullita – (a) il-fatti fil-qosor, (b) ir-ragunijiet ta' l-appell, (c) it-talba ghat-thassir jew bdil tas-Sentenza tal-Qorti Inferjuri." Skont Gurispurdenza kostanti n-nuqqas ta' xi wiehed mir-rekwiziti msemmija fl-Artiklu fuq imsemi tista' titqajjem mill-partijiet f'kull stadju tal-proceduri wkoll illi dawn ir-rekwiziti bhala regola generali gew "very strictly and rigidly interpreted." Fil-kawza Il-Pulizija kontra Joseph Galea deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-30 ta' Gunju, 1995 intqal: "Ghalkemm il-Ligi titkellem dwar talba jew thassir jew <u>ghat-tibdil fil-prassi,</u> l-Qorti ta' l-Appell Kriminali dejjem gie accettat, fil-kazijiet li hekk jippermettu, li jkun hemm talba ghat-thassir kif ukoll talba ghal bdil, purche li din it-talba tkun subordinata ghall-ewwel wahda. In fatti anke jekk tintalb biss it-thassir il-Qorti tista' folk thassar ghal kollox is-Sentenza u konsegwentament tillibera lill-appellant jew issib hati lill-appellant – skont min ikun appella – tilqa' l-appell in parti u tbiddel is-Sentenza, per ezempju limitatitament ghall- piena nflitta fuq l-appellant.
Mill-banda 'l ohra jekk is-Sentenza appellata tkun in parti sabet hati lill-appellant u in parti lliberatu minn xi akkuza jew imputazzjonijiet dejjem gie ritenut li flokk talba ghal

bdil issir talba ghal thassir, allura r-rikors ikun null. Il-hsieb wara l-Artiklu 419 (1) huwa s-simplifikazzjoni u l-kjarezza li l-legizlatur ried li r-rikors ta' l-appell ghandu jkun redat b'tali mod illi mill-ewwel ipoggi kemm lill-Qorti kif ukoll lill-appellant li jkunu jafu ezatt x'inhuma l-fatti kollha essenzjali minn xiex qed jilmenta l-appellant u x'inhu jitlob. Il-vot tal-Ligi ma jkunx sodisfatt jekk dawn jkunu sparpaljati 'l hawn u 'l hinn b'mod illi wiehed irid joqghod jistad ghalihom biex forsi jindividwahom".

Ikkunsidrat.

Minkejja dan it-taghlim car u kostanti din il-Qorti kellha ripensament u deherilha illi d-dritt ghall-appellant li jkollu l-possibilta tad-doppju ezami huwa wisq importanti u ma jistax jigi stultifikat sempliciment 'il ghaliex fir-rikors ta' l-appell ikun uza kelma flok ohra. U fil-kawza Il-Pulizija vs Joseph Galea tas-17 ta' Settembru, 2012 qalet: ".... Dan id-dritt huwa importanti wisq ghall-appellant sabiex jigi mitluf sempliciment minhabba poor drafting tar-rikors ta' l-appell." Pero' minn qari akkurat ta' dan ir-rikors ta' l-appell specjalment fit-talba konkuzjonali, din il-Qorti ssib illi dan ir-rikors imur lil hinn minn "poor drafting". Hemm element konfuzjonali fil-hsieb tat-talba b'tali mod illi l-Qorti ma tistax issalvah lanqas jekk iggebbed l-immaginazzjoni fl-impossibbli. Ir-rekwiziti kollha ta' l-Artiklu 419 (1) tal-Kodici Kriminali gew imwarba bhal li kieku dan l-Artiklu ma jezistix u bil-buona volonta kollha din il-Qorti ma tistax tara kif tista ssalva dan ir-rikors.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-eccezzjoni preliminari ta' l-Avukat Generali u tiddikjara r-rikors ta' l-appellant irritu u null.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------